

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, C. Georgieva-Kecsmar u T. Maxian Rusche, aġenti)

Talbiet

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1470 tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-iskemi ta' għajjuna SA.26763 2014/C (eks 2012/NN) implimentata minn Franza favur tal-impriżi ta' trasport bix-xarabank fir-Reġjun ta' Île-de-France (ĠU 2017, L 209, p. 24).

Motivi u argumenti prinċipali

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Ceobus u r-rikorrenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-Anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż proprji tagħhom, daww sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(¹) ĠU C 231, 17.7.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2019 — Steifer vs KESE

(Kawża T-331/17) (¹)

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tal-Unjoni — Trasferiment lill-iskema tal-Unjoni — Akkreditazzjoni tas-snin ta' anzjanità — Rimbors tal-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni mhux meħuda inkunsiderazzjoni fis-sistema ta' kalkolu tas-snin ta' servizz pensjonabbli tal-Unjoni — Assenza ta' fatti ġodda u sostanzjali — Assenza ta' żball skużabbli — Responsabbiltà — Inammissibbiltà”)

(2019/C 328/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Guy Steifer (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: M.-A. Lucas u M. Bertha, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (rappreżentanti: M. Pascua Mateo, K. Gambino u L. Camarena Januzec, aġenti, assistiti minn M. Troncoso Ferrer u F.-M. Hilaire, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, l-ewwel nett, għall-annullament, tan-nota tad-Direttur tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji tal-KESE, tal-21 ta' Ottubru 2002, li tiċħad it-talba tar-rikorrent tat-2 ta' Ottubru 2002 għar-rimbors, flimkien mal-interessi moratorji, tal-parti mhux akkreditata tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu ittrasferiti lill-iskema tal-Unjoni Ewropea, u tad-Deċiżjoni 360/03 A tal-imsemmi direttur, tal-15 ta' Diċembru 2003, li tistabbilixxi d-drittijiet għall-pensjoni tiegħu, it-tieni nett, għall-kundanna tal-KESE sabiex jirrimborsah l-ammont tal-arretrati perjodiċi mħallsa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Pensjonijiet lill-KESE sa mill-1 ta' Jannar 2004 bħala trasferiment tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni u, b'mod mensili, l-ammont tal-imsemmija arretrati perjodiċi li ser jitħallsu fil-futur, u, it-tielet nett, għall-kumpens tad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrent minħabba wieħed mill-motivi tal-imsemmija nota, li permezz tagħha dan id-direttur allegatament informah b'mod żbaljat li ma kellu dritt għal ebda pensjoni Belġjana.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Guy Steifer huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 231, 17.7.2017.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2019 — STIF-IDFvs Il-Kummissjoni

(Kawża T-738/17) (¹)

(“Għajjnuna mill-Istat — Skema ta’ għajjnuna implimentata illegalment minn Franza bejn l-1994 u l-2008 — Sussidji għall-investiment mogħtija mis-STIF-IDF — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta’ għajjnuna bħala kompatibbli mas-suq intern — Vantaġġ — Kumpens tal-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni tal-obbligi ta’ servizz pubbliku — Artikolu 107(1) TFUE — Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2019/C 328/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Syndicat Transport Île de France (STIF-IDF) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: B. Le Bret u C. Rydzynski, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, C. Georgieva-Kecsmar u T. Maxian Rusche, aġenti)

Talbiet

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1470 tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-iskemi ta' għajjnuna SA.26763 2014/C (eks 2012/NN) implimentata minn Franza favur tal-impriżi ta' trasport bix-xarabank fir-Reġjun ta' Île-de-France (ĠU 2017, L 209, p. 24).

Motivi u argumenti prinċipali

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Is-Syndicat Transport Île de France (STIF-IDF) għandu jbati, minbarra l-ispejjeż proprji tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 22, 22.1.2018